MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Appell Civili Numru. 352/1999/1

**L-Avukat Dottor Peter Borg Costanzi bħala mandatarju tal-assenti Rita mart Henry Borg u l-istess Henry Borg.**

**v.**

**Carmelo u Mario aħwa Micallef.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B’ċitazzjoni ppreżentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Frar, 1999 l-attur nomine ippremetta illi l-attriċi kellha reġistrati fuq isimha 1999 minn 2000 Ordinary Shares ta’ Lm1 l-waħda, *fully paid up* fis-socjeta` Australian Quality Imports Limited (C 16360); illi permezz ta’ skrittura privata tad-9 ta’ Ġunju, 1995 l-attriċi biegħet u trasferiet lill-konvenuti aċċettanti x-*shares* kollha tagħha versu l-prezz pro rata ta’ Lm13,993 li minnhom hija rċeviet Lm4,000 meta sar l-imsemmi ftehim; illi kif hemm indikat fuq l-istess ftehim, il-bilanċ kellu jitħallas permezz ta’ erba’ rati ugwali fit-3 ta’ Ottubru, 1995, 3 ta’ Jannar, 1996, 3 ta’ April, 1996 u 3 ta’ Lulju, 1996; illi l-konvenuti ma ħallsux l-imsemmija erba’ rati li komplessivament jammontaw għal Lm9,993, liema konvenuti nterpellati biex iħallsu permezz ta’ ittri uffiċjali tal-21 ta’ Ottubru, 1998, baqgħu inadempjenti; illi dan il-kreditu huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenuti m’għandhomx eċċezzjonijiet validi xi jressqu; dan premess l-attur nomine talab lil dik il-Qorti għaliex m’għandhiex;

1) Tikkundanna lill-konvenuti solidarjament sabiex iħallsu lill-attur nomine s-somma ta’ Lm9,993 rappresentanti l-bilanċ dovut fuq imsemmi bl-imgħaxijiet li jibdew jiddekorru pro-rata mid-data ta’ għeluq ta’ kull waħda mill-erba’ skadenzi fuq imsemmija sad-data ta’ pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti kompriżi dawk ta’ ittra uffiċjali tal-21 ta’ Ottubru, 1998 li minn issa huma nġunti għas-subizzjoni.

B’nota ppreżentata fit-18 ta’ Marzu, 1999 (fol. 28) il-konvenuti eċċepew;

1) Preliminarjament, in-nuqqas ta’ integrita` tal-ġudizzju stante illi din il-kawża, li si tratta ta’ talba għall-ħlas ta’ bilanċ mill-prezz ta’ ishma mibjugħa u assenjati lill-konvenuti, ma ġietx promossa mill-vendituri kollha.

2) Illi fil-mertu t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ftehim tad-9 ta’ Ġunju, 1995 huwa null u bla ebda effett għar-raġunijiet illi se jiġu spjegati iżjed ‘l isfel u kif se jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

3) Illi l-kunsens tal-eċċipjenti fuq il-ftehim 'de quo' kien karpit b'ingann perpetrat mill-vendituri, fosthom l-attriċi Rita Borg, peress illi l-eċċipjenti kienu xtraw u akkwistaw mingħand l-istess vendituri l-ishma tas-socjeta` kummerċjali 'Australian Quality Imports Limited' a bażi tal-informazzjoni relattiva, fosthom tal-'*current annual turnover levels*' u l-'*gross profit margin*' ta' din is-socjeta` kummerċjali, li ġew lilhom forniti mill-istess vendituri u stabbiliti fi klawsola (h) tal-imsemmi ftehim, u fosthom ukoll il-fatt illi l-vendituri kellhom jagħtu ċerti garanziji ta' bejgħ, kif stabbiliti ai termini ta' klawsola (f) tal-imsemmi ftehim, liema informazzjoni sussegwentement irriżultat li hija inveritjera.

4) Illi, di piu`, il-vendituri tal-ishma tas-socjeta` kummerċjali 'Australian Quality Imports Limited' fosthom l-attriċi Rita Borg, naqsu milli jonoraw l-obbligi kuntrattwali tagħhom ai termini tal-ftehim tad-9 ta' Ġunju, 1995 billi, '*inter alia'*, naqsu milli jgħinu u jassistu lill-eċċipjenti fil-problemi li dawn seta' kellhom mas-'*suppliers*', kif kienu obbligati li jagħmlu ai termini ta' klawsola (e) tal-ftehim '*de quo*', u naqsu wkoll milli jintroduċu lill-eċċipjenti ma' klijenti potenzjali u li jedukawhom f'din il-linja ta' negozju, kif kienu obbligati li jagħmlu ai termini ta' klawsola (g) tal-imsemmi ftehim.

5) Illi għaldaqstant it-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż.

6) Illi l-eċċipjenti qegħdin jipprevalixxu ruħhom mill-azzjoni ntentata mill-attur nomine sabiex iressqu l-kontro-talbiet tagħhom."

Rat il-kontro-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti Carmel u Mario aħwa Micallef li permezz tagħha qalu hekk:

"Illi permezz ta' ftehim datat fid-9 ta' Ġunju, 1995 (anness bħala Dok. 'B' maċ-ċitazzjoni attriċi) l-esponenti xtraw u akkwistaw mingħand Rita Borg u Martin Bezzina l-ishma kollha tas-socjeta` kummerċjali 'Australian Quality Imports Limited' bil-prezz bonarjament pattwit ta' erbatax-il elf Lira Maltija (Lm14,000) li minnhom l-esponenti diġa` ħallsu lill-

vendituri s-somma ta' erbat elef Lira Maltija (Lm4,000) fit-3 ta' Lulju, 1995 fil-waqt li kien fadal bilanċ ta' għaxart elef Lira Maltija (Lm10,000); illi l-esponenti pprestaw u taw il-kunsens tagħhom għal dan il-ftehim unikament a bażi tal-informazzjoni lilhom fornita mill-vendituri fosthom l-attriċi rikonvenzjonata Rita Borg, inkluż informazzjoni dwar il-current annual turnover levels u l-gross profit margin, li l-vendituri ai termini ta' klawsola (h) tal-ftehim de quo iddikjaraw li kienu Lm75,000 u 20 fil-mija rispettivament, a bażi tal-assigurazzjoni mogħtija mill-vendituri in rigward tal-fatt illi l-agency agreements li suppost kien hemm mal-fornituri Awstraljani, hekk kif stabbilit fi klawsola (f) tal-imsemmi ftehim, kellhom jibqgħu fis-seħħ, kif ukoll a bażi tal-obbligi li assumew l-istess vendituri ai termini ta' klawsoli (e) u (g) tal-ftehim de quo li jgħinu u jassistu lill-esponenti fil-problemi kollha li dawn seta' jkollhom mas-suppliers, li jintroduċuhom ma' klijenti potenzjal u li jedukawhom f'din il-linja ta' negozju; illi di fatti rriżulta illi l-figuri mogħtija mill-vendituri ma kinux veritjiera bl-iżjed mod assolut u l-vendituri fosthom l-attriċi rikonvenzjonata Rita Borg naqsu milli jottemporaw ruħhom ma' l-obbligi kuntrattwali minnhom assunti skond il-ftehim; illi għalhekk il-kunsens tal-esponenti kien ivvizjat u karpit bil-qerq u ingann effettwati mill-vendituri u vvizzjat ukoll bi żball riżultanti mill-miżinformazzjoni mogħtija mill-vendituri u għaldaqstant il-ftehim tad-9 ta' Ġunju, 1995 huwa null u bla ebda effett; illi l-esponenti sofrew danni kbar u inġenti riżultanti mis-sitwazzjoni li nħolqot wara li huma xtraw l-ishma kollha tas-socjeta` kummerċjali 'Australian Quality Imports Limited' meta sabu li l-informazzjoni lilhom mogħtija ma kinitx veritjieta u meta sabu li l-għajnuna u l-koperazzjoni li suppost kellhom jirċievu skond il-ftehim qatt ma rriżultaw u qatt ma waslu; illi permezz ta' ittra uffiċjali datata l-1 ta' Diċembru, 1998, l-esponenti kienu nterpellaw lill-attur nomine rikonvenzjonat sabiex jersqu għar-rexissjoni tal-ftehim *de quo* għar-raġunijiet suesposti u għar-rifużjoni tas-somma ta' erbat elef Lira Maltija (Lm4,000) li l-istess esponenti kienu ħallsu versu l-prezz finali tal-ishma kollha tas-socjeta` 'Australian Quality Imports Limited' iżda l-attur nomine rikonvenzjonat baqa' inadempjenti. Dan premess il-konvenuti rikonvenzjonanti talbu li dik il-Qorti:

1) tiddikjara illi l-ftehim tad-9 ta’ Ġunju, 1995 li permezz tiegħu l-esponenti xtraw u akkwistaw l-ishma kollha tas-socjeta` kummerċjali ‘Australian Quality Imports Limited’ bħala null u bla effett għar-raġunijiet fuq premessi;

2) tikkundanna lill-attur nomine rikonvenzjonat sabiex jirrifondi u jirristitwixxi lill-konvenuti rikonvenzjonanti s-somma ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) minnhom imħallsa versu l-prezz finali tal-ishma tas-socjeta` kummerċjali ‘Australian Quality Imports Limited’, bl-imgħax legali mit-3 ta’ Lulju, 1995 sad-data tal-ħlas effettiv;

3) tiddikjara illi bl-aġir tagħha l-attriċi rikonvenzjonata Rita Borg ikkawżat danni kbar u inġenti lill-konvenuti rikonvenzjonanti;

4) tillikwida d-danni kollha sofferti mill-konvenuti rikonvenzjonati;

5) tikkundanna lill-attur nomine rikonvenzjonant biex iħallas lill-konvenuti rikonvenzjonanti dawk id-danni kif likwidati.

Bl-ispejjeż kollha nkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata l-1 ta’ Diċembru, 1998 u bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-attur nomine rikonvenzjonat minn issa nġunt għas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Avukat Peter Borg Costanzi nomine għall-kontro-talbiet tal-aħwa Carmel u Mario Micallef ippreżentata fit-8 ta’ April, 1999 li permezz tagħha eċċepixxa:
“Illi t-talbiet tal-konvenuti huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u hija qajla kredibbli illi l-istess konvenuti jistennew kważi erba’ snin sabiex jagħmlu tali allegazzjonijiet cioe` wara li l-istess attriċi ddeċidiet li tipproċedi ġudizjarjament.

“Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, qabel ma seħħ il-bejgħ in kwistjoni l-istess konvenuti kienu

nkarigaw *accountant* sabiex jgħinhom fin-negozju in kwistjoni, liema *accountant*, cioe` Joseph Sammut, kien ivverifika sew l-affarijiet qabel u meta sar il-ftehim.

"Illi effettivament jekk il-livell tal-*business* ma nżammx l-istess, dan jaħtu biss l-istess konvenuti li jew ma kinux kapaċi jew ma ddedikawx ħin biżżejjed sabiex jieħdu ħsieb in-negozju in kwistjoni.

"Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-Avukat Peter Borg Costanzi nomine għall-kontro-talbiet ippreżentata fit-28 ta' Jannar, 2004 (fol. 404) li permezz tagħha eċċepixxa:
"Li t-talba għar-rexissjoni tal-kuntratt hija preskritta a tenur tal-Artikolu 122 tal-Kodiċi Ċivili, it-talba għar-*refund* ta' dak li l-konvenuti jallegaw li ħallsu indebitament hija perenta a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodiċi Ċivili u t-talba għall-ħlas tad-danni hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili."

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fit-13 ta' Novembru, 2006 bil-mod segwenti:
"Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni ulterjuri tal-attur nomine u tiċħad il-kontro-talba tal-konvenuti; tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet attriċi kif proposti. L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuti."

Dik il-Qorti ppronunzjat ruhha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"Illi hu ċar li l-ewwel ma trid tiġi deċiża hija l-kontro-talba tal-konvenuti għaliex jekk din tiġi miċħuda, l-azzjoni attriċi tirnexxi awtomatikament billi l-konvenuti qed jeċċepixxu n-nullita` tal-kuntratt u fil-kontro-talba qed jitolbu r-rexissjoni tal-istess kuntratt.

"Qabel dan pero' l-Qorti fi ftit kliem qed tiddisponi mill-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti li hija palesament

infondata billi l-atturi qed jitolbu biss sehmhom mill-bejgħ u mhux qed jitolbu l-ammont minimu dovut lill-azzjonist ta' sehem wieħed, Martin Bezzina. Għalhekk din l-eċċezjoni qed tiġi respinta. *Semmai* setgħet kienet nieqsa mill-integrita' tal-ġudizzju l-kontro-talba billi ma ġiex ċitat (billi mhux attur) l-istess Bezzina li kien parti mill-ftehim.

"Huwa importanti għalhekk li l-Qorti tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni li ntavola tarda fil-proċeduri l-attur nomine. Naturalment il-preskrizzjoni tista' tiġi sollevata f'kull stadju tal-proċedur. L-attur qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 1222 tal-Kodiċi Ċivili illi jgħid illi azzjoni għal rexxisjoni ta' kuntratt minħabba vjolenza, żball, għemil doluż u raġunijiet oħra li ma humiex rilevanti għal din il-kawża taqa' bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Naturalment wieħed irid jara meta l-konvenut f'dan il-każ induna bl-allegat żball jew għemil doluż.

"Il-kuntratt sar fid-9 ta' Ġunju, 1995 u għalkemm ma tirriżulta ebda data preċiża meta l-konvenuti bdew juru sinjali li l-kuntratt ma kienx beda jogħġobhom żewġ fatturi juru li l-perjodu preskrittiv kien għadda meta huma ntavolaw il-kontro-talba. L-ewwel nett huma qatt ma ħallsu l-pagamenti dovuti lill-atturi, wara l-ħlas inizjali mal-kuntratt u l-ewwel ħlas kien dovut f'Ottubru 1995. Għal dan hemm żewġ spjegazzjonijiet; jew l-atturi bdew iħossu li ġew imqarrqa u allura beda għaddej il-perjodu preskrittiv inkella mill-ewwel kellhom intenzjoni li ma jħallsux lill-atturi wara li ħadu n-negozju. It-tieni fattur huma l-istess affidavits tal-konvenuti fejn it-tnejn li huma jgħidu illi; "*Dwar it-turn-over ngħid li meta ħadna n-negozju f'idejna mill-ewwel irriżulta li ma kienx hemm turn-over daqs kemm konna ftehmna*." Għalhekk ma hemmx dubbju li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi akkolta.

"*Una volta* it-talba għar-rexxisjoni tiġi miċħuda għaliex preskritta, jaqgħu ukoll il-kontro-talbiet l-oħra għaliex strettament dipendenti fuqha (mhux kif argumentaw il-konvenuti fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom). Ir-rifużjoni ta' ewwel ħlas hija biss possibbli jekk il-kuntratt jiġi rexxiss fil-waqt li fir-rigward tad-danni l-Artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, li huwa l-uniku artikolu li jippotizza danni

derivanti minn kuntratt ta’ bejgħ, jorbot lix-xerrej biex jekk jitlob id-danni minhabba li l-kwalita’ tal-oġġett mibjugħ ma tkunx skond kif imwiegħed irid fi kliem il-liġi, *jirrifjuta l-haga*. Fi kliem ieħor irid jannulla l-kuntratt u jitlob id-danni. L-alternattiva skond l-artikolu msemmi huwa li jistitwixxi l-azzjoni aestimatoria fejn tintalab riduzzjoni fil-prezz. Din l-alternattiva, m’hijex preċiżament azzjoni għad-danni – ara s-sentenza Bonnici vs Francica deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta’ Gunju, 2003.

“Infatti jekk wieħed imur lura għall-kawża deċiża fid-19 ta’ April, 1940 fl-ismijiet Raffaele Barbara vs Tommaso Vella per eżempju l-Qorti tal-Appell preseduta mill-Prim Imħallef Mercieca qalet; “*Id-danni f’każ ta’ bejgħ jew ta’ enfitewsi jistgħu jiġu mitluba biss bħala konsegwenza tal-azzjoni redibitoria jew l-azzjoni estimatoria*.”

“Għalhekk il-kontro-talbiet se jiġu miċħuda. Ladarba hu hekk lanqas mal-konvenuti jistgħu jopponu n-nullita` tal-kuntratt għaliex fil-waqt li hu minnu li din tista’ tiġi mqajjma permezz ta’ eċċezzjoni, biex dan jista’ jsir trid tkun possibbli l-istess azzjoni għar-rexxisjoni (Artikolu 1226 tal-Kodiċi Ċivili). Ladarba l-azzjoni hija preskritta, l-istess kawża tal-eċċezzjoni ma tistax allura tiġi proposta. Huwa minnu li l-Arikolu 1226 (2) jgħid illi *din l-eċċezjoni ma taqx taħt il-preskrizzjoni stabbilita taħt l-Artikolu 1222* iżda l-eċċezzjoni tan-nullita` tista’ tirnexxi jekk il-kuntratt huwa null minnu nnifsu u mhux jekk ikun *annullabbli* kif jindika dan il-każ – għalkemm il-Qorti tikkonċedi li fuq dan il-punt il-ġurisprudenza tagħna m’hijiex għal kollox konkordi – ara sentenza preliminari ta’ din il-Qorti fil-kawża Dottor Hugh Peralta nomine vs Credinvest International deċiża fit-30 ta’ Jannar, 2004 fejn hemm rassenja storika fir-rigward.

“Ladarba din l-eċċezjoni tal-atturi qed tiġi milqugħa ma hemmx lok li wieħed jidħol fid-dettal dwar jekk il-konvenuti kellhomx fattwalment raġun. Għaldaqstant ukoll billi ma hemmx kontestazzjoni li l-konvenuti ma ħallsux l-ammonti mitluba fic-ċitazzjoni ma hemm iżjed x’wieħed jgħid ħlief li t-talba attriċi timmerita li tiġi mitluba.”

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravti bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors intavolat fl-4 ta' Dicembru, 2006 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza imsemmija u tilqa' dan l-appell u ghalhekk tichad it-talba tal-attur nomine appellat filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti appellanti, tilqa' ukoll it-talbiet rikonvenzjonali taghhom, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-attur nomine rikonvenzjonat ghall-istess kontro-talba, u tikkundanna lill-attur nomine biex jirrifondi lill-konvenuti appellanti s-somma ta' erbat elef lira Maltija (LM4000) mhallsa akkont fuq l-iskrittura tad-9 ta' Gunju, 1995 u tkkundanna wkoll lill-attur nomine appellat ghal hlas ta' dik is-somma in linea ta' danni kif tigi likwidata minn din il-Qorti; u f'kaz li din il-Qorti, minbarra li tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti appellanti, joghgobha tilqa' wkoll il-kontro-talbiet proposti mill-konvenuti ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni, din il-Qorti "tista' joghgobha" tibghat lura l-atti quddiem l-ewwel Qorti; sabiex tiddeciedi t-talba rikonvenzjonali ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-istess konvenuti appellanti sabiex, fuq dan il-punt – il-likwidazzjoni tad-danni sofferti mill-konvenuti – ebda parti ma tigi mcahhda mill-beneficcju tad-*doppio esame*; bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur nomine appellat.

Fl-udjenza tal-20 ta' Jannar, 2009 Dr Peter Borg Costanzi gibed l-attenzjoni tal-Qorti li huwa kien ipprepara risposta tal-appell pero` din mhux inserita fl-atti u lanqas jista' jikkonferma gietx prezentata fi-terminu kontemplat fil-ligi. Din il-Qorti ghalhekk ordnat il-prosegwiment tal-appell; u d-difensuri tal-partijiet ittrattaw l-appell ezawrjentement; u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Din il-kawza tikkoncerna proceduri, li kienu originarjament saru a tenur tal-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn l-attur nomine talab il-kundanna tal-konvenuti, solidalment bejniethom, ghal hlas tas-somma ta' LM9,993 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' shares fis-

socjeta` “Australian Quality Imports Limited” li Rita mart Henry Borg, mandatarja tal-attur nomine, kienet bieghet u ttrasferiet lill-konvenuti in forza ta’ skrittura privata tad-9 ta’ Gunju, 1995 versu l-prezz komplessiv ta’ LM13,993.

B’digriet tal-10 ta’ Marzu, 1999 l-ewwel Qorti kienet ikkoncediet lill-konvenuti jikkontestaw it-talba attrici billi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet. Il-konvenuti ghamlu hekk fit-18 ta’ Marzu, 1999 fejn, in succint,

a) irrilevaw in-nuqqas tal-integrita` tal-gudizzju billi l-azzjoni ma gietx promossa mill-vendituri kollha;

b) issollevaw in-nullita` tal-iskrittura billi l-kunsens taghhom kien karpit b’ingann;

c) irrilevaw li l-vendituri tal-ishma tas-socjeta` kienu inadempjenti fl-obbligi minnhom assunti fl-istess ftehim;

Kontestwalment man-nota tal-eccezzjonijiet il-konvenuti pprezentaw kontro-talba fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbu

a) dikjarazzjoni ta’ nullita` tal-ftehim ta-trasferimnet tas-*shares* imsemmi, u konsegwentement ir-rifuzjoni tal-ammont ta’ LM4000 mhallas akkont tal-prezz;

b) dikjarazzjoni li bl-agir taghha l-attrici Rita Borg ikkawzatilhom danni ngenti, kif ukoll il-likwidazzjoni u kundanna ghall-hlas tal-istess.

L-attur nomine pprezenta risposta ghal din il-kontro-talba fejn irrileva li l-allegazzjoni tal-konvenuti ma kinitx kredibbli billi prezentata kwazi erba’ snin mill-iskrittura; li l-konvenuti kienu assistiti professjonalment meta saret l-iskrittura, u li jekk il-livell tan-negozju ma nzammx l-istess kienu jahtu biss l-istess konvenuti.

Fi stadju ulterjuri l-attur nomine intavola eccezzjoni ulterjuri kontra l-kontro-talba billi, fir-rigward tat-talba ghar-rexissjoni tal-kuntratt, issolleva l-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 122 tal-Kap 16, fir-rigward tat-talba ghar-

rifuzjoni ta' hlas maghmul indebitament issolleva l-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1027 tal-istess Kap, u finalment issolleva l-preskrizzjoni ta' sentejn a tenur tal-Artikolu 2153 kontra t-talba ghal hlas tad-danni.

Kif rajna aktar 'l fuq l-ewwel Qorti laqghat l-eccezzjoni ulterjuri u b'hekk cahdet il-kontro-talba tal-konvenuti; u wara li wkoll cahdet l-eccezzjonijiet taghhom laqghat it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**Ikkunsidrat:**

Bi skrittura privata datata 9 ta' Gunju, 1995 redatta minn Joseph Sammut *accountant* tal-konvenuti, u ffirmata mill-partijiet u minn Martin Bezzina, socju u impjegat tas-socjeta` Australian Quality Imports Limited, fil-prezenza tal-istess *accountant*, l-attrici Rita Borg u l-istess Martin Bezzina bieghu lill-konvenuti l-ishma kollha li huma kellhom fl-imsemmija socjeta` versu l-prezz ta' LM14,000 li kellhom jithallsu hekk kif inndikat fl-imsemmi kuntratt. Jinghad ukoll fl-istess kuntratta li "*vendors undertake to cooperate and help purchasers in respect of any problems they might encounter with their suppliers*", li "*vendors undertake and guarantee that Australian suppliers will retain current agency agreements with the company … subject to turnover minimum of four containers per annum*", li "*vendors undertake to introduce purchasers to existing and potenial clients and to educate them in the business know-how*", u finalment li "*vendors declare that current annual turnover levels are LM75,000 with a Gross Profit Margin of 20 per cent average.*"

Irrizulta li l-konvenuti qatt ma ghamlu l-pagamenti akkont, hlief l-ewwel wiehed ta' LM4000, u dana minkejja diversi rikjesti li sarulhom minn l-*accountant* Alfio Chircop li kien gie inkarigat mill-atturi, li kienu jinsabu l-Awstralia, biex jipprova jigbor il-flus.  Kien ghalhekk li l-atturi istitwew dawn il-proceduri biex il-konvenuti jigu kundannati jhallsu l-ammont dovut.  F'dawn il-proceduri l-konvenuti qed jilqghu ghat-talba attrici billi jisostnu li l-ftehim kien null billi l-"*kunsens taghhom kien karpit b'ingann perpetrat mill-venituri*" nkwantu t-"*turnover levels*" u l-"*gross profit*" ma

kienux kif jinghad fil-ftehim, u billi l-garanziji imsemmija fil-ftehim ma avverawx ruhhom. Mhux talli hekk, talli pprezentaw kontro-talba fejn, wara li talbu li l-ftehim jigi dikjarat null u bla effett, talbu wkoll ir-rifuzjoni ta' kull somma mhallsa u d-danni.

**Ikkunsidrat:**

L-Artikolu 1212 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li "*Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa, jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni.*" Skond l-Artikolu 966 tal-istess Kap 16 r-rekwiziti essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa huma (a) illi l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw; (b) il-kunsens ta' dak illi jobbliga ruhu; (c) haga zgura li tkun l-oggett tal-kuntratt u (d) kawza lecita biex wiehed jobbliga ruhu.

Ma hemmx kontestazzjoni dwar il-kapacita` tal-kontraenti, dwar l-oggett tal-kuntratt u dwar il-fatt li l-kawza kienet wahda lecita. Li qed jinghad, pero`, hu li l-ftehim kien nieqes mill-kunsens tal-konvenuti billi huma gew imqarrqa mill-attrici Rita Borg u b'hekk dak il-kuntratt ma jiswiex. Issa, skond ma jipprovdi l-Artikolu 981 tal-Kap 16 l-"*eghmil doluz huwa motiv ta' nullita` tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kenitx tikkuntratta*". Dan l-eghmil doluz izda ma jistax ikun prezunt, imma ghandu jigi pruvat.

Fir-rigward jigi osservat li hawn qed nitkellmu mhux fuq bejgh ta' xi proprjeta` jew effetti mobbli izda ta' ishma f'kumpannija. Il-konvenuti *ex admissis*, ma kienux intizi f'materja ta' socjetajiet kummercjali u lanqas ma' l-aspetti ta' negozju billi dawn kien dejjem impjegati u qatt ma nnegozjaw. Kien ghalhekk li, ladarba huma kienu urew interess fl-akkwist tas-socjeta`, qabel ma' kkonkludew l-ftehim mal-attrici Rita Borg u Martin Bezzina, kienu hatru lil *accountant* Joseph Sammut biex jassistihom billi jara l-kotba tan-negozju tal-istess socjeta` u jiddetermina jekk l-akkwist kienx vantagguz. Dan irrapportalhom fl-affermattiv wara li ra kemm l-*invoices* tal-merkanzija

importata, kif ukoll ezamina s-*sales book* li kien izomm, ghandu jinghad b'mod metikoluz, Henry Borg. Sa hawnhekk ghalhekk ma jistghux l-konvenuti jghidu li gew imqarrqa meta accetaw li jakkwistaw l-ishma fis-socjeta` billi dan l-akkwist sar wara li huma gew debitament informati li l-akkwist kien vantagguz u dana minghajr ma irrizulta xi qerq da parti tal-vendituri fid-dokumentazzjoni prodotta. Infatti ma ingiebet ebda prova li kien hemm xi "tbaghbis" fil-kotba tal-kumpannija.

Dwar id-dikjarazzjoni tal-vendituri li l-*annual turnover levels* kienu jlahhqu mal-LM75,000, ukoll din il-Qorti ma tara ebda nuqqas jew ingann da parti tal-vendituri atturi. Minn ezami tas-*sales book* ezebit in atti jidher car li l-kumpannija mertu tat-trasferiment kienet sejra tajjeb u fis-sena li kienet ghadha kemm giet irregistrata kienet ghamlet bejgh ta' LM72,572 (kif jidher mid-dokument a fol. 206 tal-process). Mhux biss, talli jidher li, minhabba zieda fil-prodotti importati, kif ukoll fin-numru ta' klienti li l-istess Henry Borg kien irnexxielu jakkwista, l-volum tal-bejgh kien qed jizdied progressivament tant li f'Mejju tan-1995 l-bejgh kien lahaq il-figura ta' LM8790 fejn l-*average* tax-xhur ta' qabel kien jkun ta' cirka LM5,000. Kien ghalhekk mistenni, dejjem frott ta' hidma kontinwa tas-socji tal-kumpannija u ta' Martin Bezzina li kien jiehu l-ordnijiet u jipprova jgieb klienti godda ghas-socjeta`, li l-introitu jizdied bhala rizultat ta' inkriment fin-negozju. Dan, pero`, dejjem jiddipendi mill-partecipazzjoni ta' dak li jkun qed imexxi, u wiehed ma jistax joqghod lura u jistenna li, kif jinghad, il-bajtra taqa' f'halqu. Il-konkorrenza fis-suq tat-tip ta' prodotti li kienet timporta s-socjeta` in vendita` hija wahda iebsa u sahansitra sfrenata, billi kompetitur gja stabbilit fis-suq ma jiehux pjacir jara l-introduzzjoni ta' prodotti godda li jistghu jnaqqsulu is-sehem tieghu fis-suq. Effettivament jirrizulta mix-xhieda ta' Martin Bezzina li, ghalkemm dan kien jaghmel l-almu kollu tieghu biex jgieb il-quddiem il-kumpannija, u dana anke wara li din giet trasferita lill-konvenuti, kuntrarjament ghal dak li kien jigri meta n-negozju kien gestit minn Henry Borg, ma kienx jara hegga da parti tal-istess konvenuti billi wiehed minnhom zamm l-impieg tieghu u kien jittratta dan in-negozju bhala *part time*, mentri s-socju l-iehor, ghalkemm

kien idur il-klienti ma’ Bezzina, dan ma kienx jaghmel ebda sforz biex jakkwista klienti godda jew ordnijiet godda. Is-sitwazzjoni marret ghall-aghar meta dan Martin Bezzina gie imkecci mill-impieg u ghalhekk l-bejgh beda jmur lura.

**Ikkunsidrat:**

Illi dwar l-obbligazzjoni assunta mill-atturi li jassistu lill-akkwirenti fil-problemi li jistghu jinqalghu ma’ klienti ezistenti u li jintroducuhom mal-klienti sew ezistenti kemm godda, jidher minn ezami tal-provi prodotti mill-atturi, inkluza x-xhieda ta’ Martin Bezzina, li l-attur Henry Borg, kif ukoll Martin Bezzina kienu ghamlu l-almu taghhom kollu biex jadempixxu dawn l-obbligi, pero` fl-ahhar mill-ahhar kellha tkun il-hegga u x-xewqa tal-konvenuti li jzommu n-negozju ezistenti u jkabbruh, haga li ma jidhirx li ghamlu forsi minhabba nuqqas ta’ esperjenza in materja.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-garanzija li nghatat mill-atturi lill-konvenuti rigwardanti s-*suppliers* Awstraljani, jigi fl-ewwel lok rilevat li fin-negozju ma tezisti ebda “exclusivity” garantita billi l-fornitur mhux marbut li jbqa’ jissuplixxi l-prodott tieghu lil agent partikolari. Il-fornitur dejjem ifittex l-interessi tieghu biex ikabbar in-negozju u kien f’dan il-kuntest li din l-istess garanzija kienet marbuta mal-kondizzjoni li “*subject to turnover minimum of four containers per annum*”. Dan billi jekk, kif fil-fatt gara, l-ordnijiet ma jkunux tali li jissodisfaw is-*supplier*, l-istess *supplier* jmur ifittex band ohra. Effettivament ma jirrizultax li l-konvenuti zammew il-parti taghhom tal-ftehim billi ma ingiebet ebda prova li huma kienu qed jordnaw minimu ta’ “*four containers per annum”.* Illi ghar-rigward tal-merkanzija li giet klassifikata differentement minn kif kienet qed tigi klassifikata precedentement u li bhala konsegwenza dik il-merkanzija giet suggetta ghad-dazju b’rizultat li l-pezz ghola u l-prodott sar anqas kompettitiv fis-suq lokali, jigi osservat fl-ewwel lok li l-ftehim tad-9 ta’ Gunju 1995 ma jitkellem xejn dwar garanzija simili; fit-tieni lok tali riklassifikazzjoni ma

sehhitx minhabba xi nuqqas tal-atturi izda kien biss l-intevent tal-awtorita` kompetenti li ghamlet dan; u finalment ma jirrizultax li l-konvenuti ghamlu hilithom biex jergghu jottjenu l-klassifikazzjoni precedenti u b'hekk jevitaw id-dazju u jrahhsu l-prezz.

Minn dan kollu jidher li meta gie finalizzat il-ftehim ta' bejn il-kontendenti u cioe` dak tad-9 ta' Gunju, 1995, ma kien jezisti ebda eghmil doluz perpetrat mill-atturi fil-konfront tal-konvenuti u konsegwentement il-kunsens tal-istess konvenuti ma kienx vizjat.  Dan ifisser li l-kuntratt imsemmi ma jistax jigi dikjarat null u konsegwentement l-kontro-talba, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, ma kinitx gustifikata daqstant kemm it-talba ghar-rexissjoni kif ukoll t-talbiet l-ohra konsegwenzjali fl-istess kontro talba ma setghux jigu akkolti.

La darba l-ftehim ta' bejn il-kontendenti ghadu vigenti, u mhux kontestat id-debitu tal-konvenuti favur l-atturi, eccetto ghal aspett ta' nullita` tal-obbligazzjoni, t-talba attrici kellha tintlaqa'.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------